MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 446/2003

**Godwin Gatt ezercenti l-kummerc**
**taht l-isem Shopline Marketing**

**vs**

**Antoinette Grech u Kenneth Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' (Lm 129) mija u disgha u ghoxrin lira Maltin dovuti lilu bhala prezz ta' prodotti varji li l-konvenuti kienu ordnaw u xtraw minghand l-attur u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat bhala Dok A.

Nonostante illi l-konvenut gew interpellati sabiex ihallsu anke permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Jannar, 2003 (Dok B), il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Bl-imghax mid-dati tal-fatturi indikati fuq il-prospett esebit sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes tal-prezenti kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' lil Dr. Luigi Sansone bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------